# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Nru. 20 /2025

**Data tal-laqgħa:** 2 ta' Settembru , 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 41, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-17.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | ***Sindku*** |
| Bernice Caruana | ***Viċi Sindku*** |
| Loranna Bonniċi | ***Kunsilliera*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsilliera*** |

**Uffiċjal Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Franklan Debono | ***Aġent Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

## 20.1 Qari tal-Ittri tal-Apoloġiji

20.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 19

20.2.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv resqet il-minuti tal-laqgħa numru 19 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Matthew Agius Zammit, li kienet issekondata mill- Viċi Sindku Bernice Caruana dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 20.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

20.3.1 Kien hemm komunikazzjoni mingħand il-Maltese Honey Bee Foundation fejn qed jinkuraġixxu lill-Kunsilli Lokali biex tisemma triq għan-naħla Maltija. Fuq qbil unanimu il-membri qablu li Triq il-Gudja jinbidel l-isem tagħha għall- Triq in-Naħla Maltija.

20.3.2 Kien hemm komunikat li ħarġu in-nominazzjoniiet għall Premju Anzjanita Attiva. Il-membri kollha qablu li japplikaw b'mod individwali għal dawk l-anzjani li jixtiequ jinnominaw huma.

20.3.3 Kommunikat ieħor wasal min-naħa tal-Antes Insurance fejn offrew li għall-prezz ta' €1000 ikun hemm insurance oħra li tkopri l-avvenimenti li jsiru matul is-sena. Iżda kien hemm klawżola fuq in-numru ta' attendenza li kellha tiġi kjarifikata. Għaldaqstant inbagħat email lill- Insurance msemmija biex dan jiġi kjarifikat.

20.3.4 Ġie kkomunikat li hemm skema biex jinxtraw 50 siġra biex jiġu mħawwla fil-lokalita' ta' Ħal Kirkop. Fi qbil mil-membri kollha, ħa jittieħdu kwotazzjonjiet biex b'hekk jinxtraw is-siġar u jitwaħlu fi Triq San Remiġ jew inkella jingħataw lill- bdiewa li huma residenti Ħal Kirkop.

20.3.5 Qed ikun hemm komunikat mal-Multigas biex tiġi sponsorjata minnhom it-tabella ta' Ħal Kikrop li hemm quddiemhom. Huma qablu bil-patt li jitniżżel isem Multigas mat-tabella.

20.3.6 Wasal komunikat li qed tiġi offruta mappa 3D għal-lokalita ta' Ħal Kirkop. Il-membri kollha qablu biex din issir u għandu jkun hemm komunikazzjoni ma' min qed joffriha.

20.3.7 Kellu jsir bdil fid-data t' ġbir taż-żebbuġ. Il-membri qablu biex din tinbidel għall-24 t'Ottubru, 2025.

20.3.8 Komunikat li wassal is-Sindku Matthew Agius Zammit kien li ssuġerixxa li s-sala tal-Kunsill tibda tiġi rreklamata fuq il-kotba tal-każini biex b'hekk ikun hemm iktar għarfien dwara.

## 20. 4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillera

20.4.1 Il-Kunsillera staqsew meta kien ħa jibda x-xogħol fi Ġnien il-Kunsill Lokali u s-Sindku Matthew Agius Zammit wieġeb li dan ħa jibda għal tmiem Settembru.

## 20.5 Komunikazzjoni Onlajn – Ġemelaġġ Rousset

20.5.1 Sar kommunikat mas-Sindku u l-membri ġodda ta' Rousset (Franza).

20.5.2 Min dan il-kommunikat ħareġ li kemm huma u kemm dan il-kunsill jixtiequ l jerġa' jsir tiġdid tal-kuntratt. Għalhekk is-Sindku ta' Rousset ħa jibgħat data meta ħa jkun jista' jiġi Malta biex b'hekk dan iseħħ.

## 20.6 Cinema Night għat-tfal

20.6.1 Il-Viċi Sindku Bernice Caruana ssuġġerit biex issir Cinema Night għat-tfal ġewwa l-kunsill, fejn it-tfal ħa jintwerew Peppa Pig bil- Malti u jkollhom ukoll face painting u Popcorn.

20.6.2 Il-membri kollha preżenti qablu ma' dan u ġiet ikkonfermata d-data.

## 20.7 Inviti mill-għaqdiet

20.7.1. Il-Kunsillier Joseph Schembri wassal kommunikat fejn wera d-diżapunt tiegħu fir-rigward li meta jkun hemm attivitajiet mill-għaqdiet jiġu mistiedna l-membri tal-Kunsill waqt li l-ħaddiema amministrattvi tal-kunsill ma jiġux mistiedna.

20.7.2 Ġie ssuġġerit mil-membri tal-Kunsill li ssir telefonata ta' ħbiberija lill-għaqdiet biex meta jkun hemm stedina, jiġu wkoll mistiedna l-amministrattiv tal-Kunsill.

## 20. 8 Sommarju ta' diskussjoni qabel l- Attivita' tas- Sajf

20.8.1 Il-Kunsilliera Loranna Bonniċi flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekutiv Franklan Debono għaddew t-temi tal-attivita' biex b'hekk seta' jsir aġġornament ta' x'kien lest u x'kien għad fadal isir.

## 20.9 Dati tal-attivitajiet

20.9.1 L-aġent Segreatju Eżekuttiv ssuġġerit li peress li ħa jkun hemm bosta attivitajiet fix-xhur segewenti; biex isir ippjanar bid-dati ħalli b'hekk ma jkunx hemm avvenimenti li jaħbtu fl-istess data.

20.9.2 Ma' dan il-membri qablu u sar kalendarju bl-attivitajiet kollha sal-aħħar tas-sena inkluż il-laqgħat uffiċjali tal-Kunsill.

## 20.10 Community Worker – Uffiċju

20.10.1 L-aġent Segretarju Eżekuttiv Franklan Debono resqet kommunikat li kellha minn Community Worker li taħdem ġo Kunsill u xtaqet tersaq iktar viċin bħala lokalita'. Din il-persuna tagħmel xogħol ta' reception u tieħu telefonati ta' Bulky.

20.10.2 Kien hemm qbil li jkun hemm informazzjoni iktar fuq din il-persuna qabel ma' ttieħed deċiżjoni.

## 20.11 Aġġornament ta' Insurance – Personal Accident Policy

20.11 Il-membri tal-kunsill ħassu li peress li l-ħaddiema tal-Kunsill ikunu kollha involuti waqt l-avvenimenti. Din il-polza għandha tiġi estiża għall-membri kollha.

20.12 Fuq dan kien qbil unanimu. Għalhekk ħa tiġi aġġornat din l-imsemmija polza.

## 20.12 Diskussjoni – Cleansing

20.12.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit esprima mal-Kunsill sitwazzjoni inkwetanti u diżapuntanti fuq l-istat ta' ndafa ġewwa Ħal Kirkop.

20.12.2 Min-naħa tal-Cleansing mhux qed ikun hemm koperazzjoni u qed ikun hemm nuqqas ta' Kenniesa. Tant li qed joħorġu membri u ħaddiema tal-Kunsill jagħmlu x-xogħol ta' tindif.

20.12.3 Ġie deċiż li jintbagħat email lil min hu kkonċernat; jekk dan ma jsolvi xejn ħa jiġu diskussi għażliet oħra.

## 20.13 Emenda fil-Minuti tal-laqgħa numru 16 (punti 16.8.1 u 16.8.2)

20.13.1 Is-Sindku Matthe Agius Zammit talab emmenda fil-minuti

20.13.2 Fil-laqgħa numru 16, taħt l-artiklu – Klabb tal-Boċċi fil-punti 16.8.1 u 16.8.2 jissemma li l-Kunsill qabel fuq id-develozzjuni. F'dan ir-rigwrad trid isir emenda li d-devolozzjinu mhux ħa ssir għall-klabb tal-boċċi imma għal spazju miftuħ.

20.13.3 Fuq dan kien hemm qbil unanimu mill-membr kollha.

## 20.14 Rapport tal-ilmenti

20.14.1 Il-Kunsilliera Loranna Bonniċi waslet lment fuq id-dewmien ta' tneħħija ta' parkeġġ tad-diżabilta li m'għadux ta' użu fi Triq San Benedittu. Is-Sindku spjega li qiegħed fil-proċess imma dan ikun hemm dewmien fuqhom.

20.14.2 Il-Kunsillier Joseph Schembri lmenta li l-isleeping police jiswew ammont ta' flus sostanzjali u xtaq ikun jaf kemm tiġi l-ispiża tal-kameras. Ma' dan kien hemm qbil, speċjalment fuq Triq il-Lewżiet fejn jistgħu' jiġi kkunsidrati kameras.

20.14.2.1 Ħa titiħed kwotazzjoni ta' speed cameras biex il-kunsill jara hux vijabbli, li jsiru kameras flok sleeping police.

20.14.3 Il-Kunsillier Joseph Schembri lmenta dwar kif Triq il-Barrieri għada ma saritx one way u għada 2 ways. Is-Sindku Matthew Agius Zammit qal li kien hemm żewġ ħwienet li ma qablux ma' dan. Għalhekk ġie ssuġġerit li jsiru barrier cones fil-kantuniera biex kemm jista' jkun il-karozzi jduru magħhom u b'hekk joħorġu 'l barra.

20.14.4 Is-Sindku Matthew Agius Zammit wasalu lment li ġo Pjazza Żerniq hemm nuqqas ta' tabelli u anke zebra crossing. Is-Sindku qal li bagħat lil perit ikkonċernat biex jiċċertifika ix-xogħol li sar u jekk hemmx dan in-nuqqas, iżda s'issa ma kellu l-ebda risposta.

20.14.5 Fuq Vjal Kulħadd kien hemm ilment. Kien hemm min ma qabilx mal-proġett għax ħa jinħoloq inkovenjent għall-isqaq li joqgħod fih. Ġie ssuġġerit li jsiru cameras mal-LESA biex min jostakola l-isqaq jiġi nnutat u l-Kunsill ikun koprut. Suġġeriment ieħor li ġie mogħti kien ukoll li ssir bollard.

20.14.6 Kien hemm lment ieħor dwar dawl fi Pjazza Ħal Kirkop. Jekk ikun hemm persuna waħda li ma tridx taqla' l-wajers mal-faċċata l-iskop tal-culverts bl-eletrikku taħt il-bankina jiġi nul. Għax xorta jibqa' wajers mal-faċċata.

## 20.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

20.15.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru 165 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

20.15.2 Il-Kunsilllera Ritienne Caruana resqet mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 165 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Matthew Agius Zammit, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 20.16Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

20.16.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

20.16.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 7 ta' Ottubru, 2025 fil-17:00hrs

20.16.3 Il-laqgħa ntemmet fit-20.00.

**Mozzjoni Ref:** 54 /25 /10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 165 tiġi approvata.

**Proponent**
Ritienne Caruana

**Sekondant**
Matthew Agius Zammit

---

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 2 ta'Settembru , 2025

Sa. Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 55 /25/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex jiġu approvati l-minuti tas-seduta 19

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Bernice Caruana

---

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 2 ta'Settembru , 2025

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**